31996R1308



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1308/96 ta' l-4 ta' Lulju 1996 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1192/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jkunu addottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness ma "dan ir-Regolament;"

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi bażata fuqha kollha kemm hi jew parzjalment, jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi komunitarji, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' tariffa jew oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti f'kolonna 1 tat-tabella annessa ma dan ir-Regolament għandhom ikunu kklassifikati aħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa xieraq li, suġġetta għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu ma' sistemi ta' kontroll doppju u ma' sorveljanza prijoritarja u retrospettiva komunitarja fuq prodotti tat-tessuti wara li jkunu importati għal ġol-Komunita, informazzjoni li torbot dwar tariffa fil-materja ta' klassifika ta' oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament tista' tissokta tkun invokata skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Otturbu 1992, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [3], għal perjodu ta' 60 jum mill-possessur;

Billi l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-sezzjoni dwar in-nomenklatura u statistika tal-Kumtat dwar il-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġon-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

*Artikolu 2*

Suġġetta għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu ma' sistemi ta' kontroll doppju u ma' sorveljanza prioritarja u retrospettiva komunitarja fuq prodotti ta-tessuti wara li jkunu importati għal ġol-Komunita, informazzjoni li torbot ta' tariffa fil-materja ta' klassifika ta' oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li m'għadhomx jikkonformaw ma' dan ir-Regolament tista' tissokta tkun invokata skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' 60 jum.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Lulju 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 156, tad-29.6.1996, p. 15.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni | Klassifika Kodiċi tan-NK | Raġuni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. Biċċa ħwejjeġ magħmula minn tessut (100 % qoton) maħsuba biex tgħatti l-parti t'isfel tal-ġisem, mill-qadd sa 'l fuq mill-irkoppa, li ddawwar kull sieq separatament u mingħajr ftuħ fuq quddiem, bi bwiet fil-ġnub.<br><br>Tkun issikkata fil-qadd permezz ta' strixxa tal-lastiku u ċinta meħjuta fuq quddiem għal aġġustament b'bokkla fuq ix-xellug.<br><br>Il-biċċa ħwejjeġ għandha wkoll kużakk finta (meħjut fuq il-biċċa ħwejjeġ) b'xaqliba mix-xellug għal-lemin (għeluq similat). (*Shorts*).<br><br>(Ara r-ritratt Nru 547) (*) | 6204 62 90 | Il-klassifika hija ddeterminata bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, tan-nota 8 mal-kapitolu 62, u bil-kliem (rabta ta' kliem) tal-kodiċijiet tan-NM 6204, 6204 62 u 6204 62 90.<br><br>La l-kużakk finta u lanqas il-pożizzjoni tal-bokkla m'huma suffiċjenti biex jidentifikawha bħala biċċa ħwejjeġ tar-rġiel jew tas-subien. |
| 2. Żewġ biċċiet ħwejjeġ ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut u jikkonsistu fi: | | Il-klassifika hija ddeterminata bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-nota 13 tas-sezzjoni XI, bin-nota 5 mal-kapitolu 62 għal biċċa ħwejjeġ (a), bin-nota 8 mal-kapitolu 62 u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6202, 6202 93 00 u 6210 40 00. |
| a. biċċa ħwejjeġ ħafifa, imlaħlaħa magħmula minn żewġ tessuti kkuluriti b'mod differenti (100 % miksija bin-*nylon* ġol-plastik li tista' taraha bl-għajn waħedha), maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem li tibqa' nieżla 'l isfel sa l fuq min-nofs il-koxxa.<br><br>Għandha ftuħ fuq quddiem kollu b'kużakk u xaqliba protettiva ddisinjata biex tinqafel permezz ta' buttuni li jingħafsu ma' xulxin.<br><br>Il-biċċa ħwejjeġ għandha kullar għoli meħjut magħha, barnuża li tista' tkun issikkata bil-ġbid ta' qafla u tintrefa' f'but tal-kullar, kmiem twal issikkati fit-tarf u żewġt ibwiet inseriti fuq quddiem li jinqaflu b'żippijiet.<br><br>Tista' wkoll tkun issikkata b'qafliet fil-kullar, qadd u taħt u għandha żigarelli tal-"velcro" fil-kullar u fi truf il-kmiem, inforra parzjali fin-naħa ta' fuq tal-biċċa ħwejjeġ (100 % nylon), dekorazzjoni meħjuta fuq il-komma x-xellugija u *logo* rrakkmat fuq is-sider.<br><br>(Ara r-ritratt Nru 545 A) (*) | 6210 40 00 | |
| b. Biċċa ħwejjeġ imlaħlaħa magħmula minn żewġ tessuti kkuluriti b'mod differenti (100 % nylon) maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem li tibqa "nieżla" l isfel sa fuq nofs il-koxxa, bi ftuħ fuq quddiem kollu li jingħalaq b'kużakk.<br><br>Għandha kmiem twal b'kustilji tal-ħdim fit-tarf, kullar tattessut tal-velour meħjut fuq il-biċċa ħwejjeġ u żewġt ibwiet inseriti fuq quddiem li jingħalqu b'kużakkijiet.<br><br>Il-biċċa ħwejjeġ għandha wkoll *logo* rrakkmat fuq quddiem, faċilita li tissikka b'qafla fil-qadd u inforra kkuttunata b'but fuq ġewwa.<br><br>(Ara r-ritratt Nru 545 B) (*) | 6202 93 00 | |
| Iż-żewġ biċċiet ħwejjeġ jistgħu jintużaw separatament u jistgħu jkunu kkombinati permezz ta' żigarella tal-"velcro" mal-kullar, buttuni li jingħafsu ma' xulxin fuq ġewwa fi truf il-kmiem u kużakk fil-ftuħ ta' quddiem. | | |

(*) Ir-ritratti huma biss għall-iskop ta' illustrazzjoni

| Deskrizzjoni | Klassifika Kodiċi tan-NK | Raġuni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 3. Erbgħa oġġetti magħmula minn materjal tessili (100 % qoton) fl-istess motif dekorattiv stampat fuq kull wieħed minnhom, ippakkjati flimkien għall-bejgħ bl-imnut, li jikkomprendu: | | Il-klassifika hija ddeterminata bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, ir-regola ġenerali 3(b) għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda fir-rigward tas-sett f'oġġett 1, u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM6211 , 6211 42, 6211 42 10, 6302 u 6302 60 00. |
| I. Sett ta' tliet oġġetti jaqblu ma' xulxin magħmul mill-istess żewġ tessuti stampati f'ħafna kuluri, li jikkonsisti fi: | 6211 42 10 | Ix-xugaman ma jikkontribwixxix għall-istess għan kumplimentari bħat-tliet oġġetti l-oħra fis-sett u għalhekk għandu jkun ikklassifikat separatament. (Ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni mas-sistema armonizzata dwar ir-regola ġenerali 3(b), oġġett X, għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura). |
| a. ingwanta kkuttunata b'fibri tat-tessuti li tagħti insulazzjoni termali, kompluta b'xi ħaġa li sservi għad-dendil; (ara r-ritratt Nru 546 A) (*) | | |
| b. oġġett kwadrat biex jinqabdu bih twaġen ikkuttunat b'fibri tat-tessuti li jgħati insulazzjoni termali, komplut b'xi ħaġa li sservi għad-dendil; | | |
| c. fardal; (ara r-ritratt Nru 546 D) (*) | | |
| II. Xugaman magħmul minn fibri tat-*terry* bil-frenża fuq żewġ naħat u bil-keffa fuq it-tnejn l-oħra. (ara r-ritratt Nru 546 Ċ) (*) | 6302 60 00 | |


(*) Ir-ritratti huma biss għall-iskop ta' illustrazzjoni





**545 A**





**545 B**



**547**